**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA’ (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Tnejn u Tlettin (32)**

**It-Tlieta, 13 ta’ Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill Lokali (Sala Joe Tabone) fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

Hadd

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**32.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kullhadd kien preżenti għal laqgħa.

**32.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.**

Il-Minuti tal-Wieħed u tlettin (31) il-laqgħa tal-15 ta' Gunju 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 31 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Joseph Vella u Sekondant:-Eucharist Camilleri.

**32.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

L-Kunsill irċieva €134,000 Allokazzjoni. Rigward il-co-financing għadna bla risposta. LA's qed nistennew il-ħlas fuqhom u qed jaħdmu fuqhom.

Disturbance Allowance John Ivan Xuereb- Kien hemm qbil li jinħareg nofs l-ammont li hemm fil-Kuntratt tiegħu minn Jannar sa Gunju 2021.

Il-Kunsill xtara 10 Kotba ta' Dr. Mario Saliba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**32.4 Budget 2022 u Re review of Buisness Plan 2020-2023**

Is-Sindku innota li sabiex il-Kunsill Lokali tan-Nadur ikun jista imexxi bl-applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar għal Latrina ġdida fil-Ġnien ta' San Blas u anke Belvedere Ġdid fi Triq ir-Ramla, l-istess Kunsill għandu bżonn qabel xejn jakkwista 'no objection' minn naħa tad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Wara imbagħad inkunu nistgħu nippreżentawhom lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u sussegwentement napplikaw mal-PA. L-applikazzjoni mad-DLG tinkludi proċess ġdid u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jrid japprova xi dokumenti.

Dawn il-proġetti huma stmati mill-Perit li jiġu jiswew madwar 100,800 euro għal Latrina ta' San Blas, u madwar 77,000 euro għal Belvedere fi Triq ir-Ramla. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill diġa qabel li dawn iż-żewġ proġetti jistgħu isiru biss jekk il-Kunsill jirċievi fondi mill-iskema tal-LESA jew Fondi tal-UIF. Infatti, il-Kunsill diġa applika għal skema tal-LESA fejn ġejna infurmati li ser niġu allokati fondi fit-tieni sejħa jew fit-tielet.

Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali approva unanimament li l-Kunsill joħroġ id-differenza ta' madwar 20,000 euro fuq il-progett tal-Latrina f'San Blas peress li l-iskema tal-LESA tagħti sa' massimu ta' 80,000 euro, u madwar 8,000 euro fuq il-progett tal-Belvedere peress li l-Fond tal-UIF jagħti sa' massimu ta' 90%. Is-Sindku spjega wkoll li dawn il-prezzijiet huma inflated u anke jipprovdu għal kull tip ta' spiża, u allura huwa normali li l-prezz tal-offerti mitfuha jkunu irħas.

F'din il-laqgħa tressaq quddiem il-Kunsill Lokali l-Budget għas-sena 2022 u anke reviżjoni tal-Business Plan 2020-2023, li jinkludu xogħol reletat mal-Latrina ta' San Blas u kif ukoll l-Belvedere ta' Triq ir-Ramla. Il-Financial statements 2021 huma diġa approvati.  Dan ix-xogħol fuq dawn il-proġetti ma humiex ser isiru fl-2021 fid-dawl tal-fatt li xorta irridu nistennew approvazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u anke joħorġu l-offerti. Dawn id-dokumenti ġew approvati unanimament.

## KUNSILL LOKALI NADUR

**32.5 Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

***32.5.1*** ***Lapida fi Triq Xandriku-***Din twaħħlet fuq il-post.

***32.5.2*** ***Street light*** – fi Triq Xandriku temporanja – din lesta u Triq tad-Duru – M'hemmx fejn teħħel.

***32.5.3*** To Repaint Yellow Lines fi Triq il- Mitħna l-Qadima – Dawn lesti.

***32.5.4*** Jinbidel Bin fi Triq Dun Gorg Preca – Dan inbiddel.

***32.5.5*** Patching fi Triq San Gakbu u Triq San Blas – Dawn Lesti.

***32.5.6*** Sement fi Triq Piju Cellini – Dan lest.

***32.5.7*** Titranġa kurduna fi Triq il-Knisja – Din lesta.

***32.5.8*** Tabella dead end fil- Bajja ta' San Blas –Din lesta.

***32.5.9*** Bankina fi Triq Il-Madonna ta' Lourdes – Din lesta.

***32.5.10*** Zebgħa mal ħadid fil-bibien tal-Latrina ta' Daħlet Qorrot –Dawn lesti.

***32.5.11*** Titkaħħal kurduna fi Triq l-Isqof Buttigieg – Din lesta.

***32.5.12*** Pendings: Bankina biex titbaxxa fi Triq San Blas, Sement taħt bankina fi Triql- Isqof Buttigieg, Bankina bis-sement fi Triq ix- Xini, Bankini ġodda fi Triq Kenuna fil-parti tat-telgħa.

***32.5.13*** Ambaxxatur Zgħazagħ –Is-Sindku għamel mozzjoni fejn innomina lil Megan Portelli fuq suggeriment ta' Owen Bugeja li dan ser jgħalaq it-18 il sena u Megan Portelli f'Settembru din tieħu l-post vakanti. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri isekonda din il-Mozzjoni peress li din ilha ħafna tgħin lil Kunsill matul is-snin. Kien hemm bejn il-Kunsilliera kollha fuq din il-Mozzjoni.

***32.5.14*** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***32.5.15*** Sistema tal-Pannelli fi Triq l-Inzul il-Franċizi – Il-kunsill issa qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.

***32.5.16*** Ħajt tas-Sejjieħ fi Triq it-Tigrija – Dan lest.

***32.5.17*** Talba lil MGOZ rigward Triq Cocco Palmeri – Din lesta.

***32.5.18*** Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja (din ser issir ma Ta' Ħida) u ħitan.

***32.5.19*** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

***32.5.20*** Passaġġ bit-torba fi Triq tax-Xini – Dan ser isir mill-kuntrattur.

***32.5.21*** Laqgħa FKNK – Din ser issir.

***32.5.22*** Sigra fi Triq Guze Ellul Mercer – Din hemm applikazzjoni quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar.

***32.5.23*** Slow Sign fi Triq ta' Said – Saret tabella ta' 30km/h.

***32.5.24*** Pendenti: Dog Bin fil- bajja ta' Daħlet Qorrot, Gibjun Pjazza.

***32.5.25*** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

***32.5.26*** Bus stop fi triq il-Knisja- Il-Kunsill qed jistenna ritratti mingħand Joseph Vella fuqha u li jitkellem mar-resident.

***32.5.27*** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

***32.5.28*** Pannelli fi Sqaq San Gakbu – dawn ser jitrangaw.

***32.5.29*** Fanali Knisja Qalb ta' Gesu- Dawn lesti.

***32.5.30*** Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

**32.6. Korrispondenza;**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

| | |
|---|---|
| 6283 | Cirkulari 4/2021- servizz tal-internet għall-Live streaming tal-laqgħat |
| 6284 | kwalita' tal-Ħajja -kompetizzjoni tat-tpinġija |
| 6285 | Cirk AKL 2021/060- European mobility week 2021 |
| 6286 | Cirk AKL 2021/061 well being 360 |
| 6287 | Cirk AKL 2021/066- Information Sessions for Local Councils -SEM |
| 6288 | Direttiva 2/2021- Contract (Community Works) Managers |
| 6289 | Cirk AKL 2021/063-Supporting individuals with disability |
| 6290 | Kuntratturi tal-ġbir tal-iskart-laqgħat ta' informazzjoni mid-Dipartiment tar-relazzjoniet industrijali u tal-impjieg |
| 6291 | Stedina laqgħal mal-Ministru Justyne Caruana fuq il-Proġett ta' l-iskola tan-Nadur |
| 6292 | CIRK akl 2021/065- European Mobility week |
| 6293 | Cirk akl 2021/064- Notice of the vaccine to asylum seekers and third country nationals |
| 6294 | Cirk AKL 2021/052- AKL Webinar- youth and criminality |
| 6295 | Cirk AKL 2021/067- online seminar woman in local government |
| 6296 | Direttiva 3/2021-Rigward Ħlas ta' safar lil Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi |
| 6297 | Cirk 5/2021- konsultazzjoni dwar politika għall-Gvern Lokali 2021 |
| 6298 | Ktieb ġdid ta' Dr Mario Saliba -Ħajja u mewt, il-Mard u s-saħħ f'Għawdex |
| 6299 | ittra ta' ringrazzjament minghand l-għaqda tan-Nar |
| 6300 | annual summer bbq - AKL |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

***Rimarki oħra:-***

**Booth Sale fil-Pjazza għat-tfal-** għal laqgħa ġew prezenti dawk li kellhom dan l-interess tal-booth sale tal-Pjazza fosthom Dr. Anna Maria Cascone izda id-diskussjoni spiċċat fuq talba oħra totalment differenti li kienet fuq kunċerti ma' bands taljani. Il-Kunsill sema dak li kellhom x'jgħidu izda ma ha l-ebda deċizzjoni.

***Dan il-ħin kellu joħrog mill-laqgħa s-Sindku minħabba ragunijiet personali u l-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku Eucharist Camilleri.***

Ċirkulari 4/2021 - Servizz tal-Internet għall-istreaming tal-Laqgħat- Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss jekk il-Kunsill jibqax bis-servizz tal-Kunsill jew le.

Talba għal camping ta' lejl fil-bajja ta' San Blas għal Charity kayak event- Peress li l-Kunsill ma joħroġ l-ebda permess ta' camping l-aħjar li dan jagħmlu t-talba lil PA.

Direttiva 2/2021 – Contracts Managers- Din ha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss biex il-Kunsill jigbor aktar informazzjoni u jitkellmu s-Sindki fil-laqgħa tar-Reġjun fuqha.

*Leasing Photocopier*- Is-Segretarja innotat li l-Kuntratt ser jiskadi f'Awissu u ser tiġbor tlett kwotazzjonijiet.

**32.7. Skemi;**

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-Kunsill applika u qed nistennew risposta.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Il-Kunsill qed jimla l-applikazzjoni.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Il-Kunsill qed jimla l-applikazzjoni.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy** – Il-Kunsill applika u qed nistennew risposta.

**Skema *Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Inbeda x-xogħol fuq din l-iskema.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020-* ECO Gozo-MGOZ**- Inbeda x-xogħol fuq din l-iskema.

**Skema tal-Belt jew Raħal Kulturali 2022**- Il-Kunsill applika u qed nistennew risposta.

**Skema LESA-** Il-Kunsill applika izda ma' gejnix aċċettati ma l-ewwel sejħa.

**Skema Regjun Librerija** – Il-Kunsill qed jaħdem fuqha u ser jiġu applikati mobile shelves, kotba u projector. Kien hemm qbil fuq dan.

**32.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

***32.8.1. Karnival – Fondazzjoni*** – Dr. Rita Mifsud Attard aċċettat li tidħol fil-fondazzjoni.

32.8.2. Inizzjattiva Kultura Għawdex – saret laqgħa flimkien mas-Sindku u S-Segretarja u ġew diskussi diversi punti (inizzjattiva ritratti, inizzjattivi monumenti, ftuħ attrazzjonijiet).

***32.8.3. Ftehim Ħad-Dingli-*** Il-Kunsilliera kienu sodisfatti ħafna bil-mod ta' kif komplew magħna fl-iffirmar li kellna f'Ħad-Dingli u għalkemm is-Sindku kellu problema personali xorta ħa hsieb li jkun hemm. Hemm pjan li l-Kunsill ta' Ħad-Dingli jiġi n-Nadur f'Awissu għal iffirmar uffiċjali. Ser isir lapida u bnadar għal din l-attivita'. Fil-laqgħa li jmiss jergħu jiġu diskussi dawn.

***32.8.4. World Nature Conservation Day* -28 ta' Lulju** – Is-Segretarja tablet lil Kunsilliera jekk għandhomx xi ideat ta' attivita'. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli għamel suggeriment biex nistennew x'ser joħrog mill-laqgħa tal-FKNK u naraw x'jistgħu joffru dawn. Din ha tiġi diskussa fil-granet li ġejjin.

**32.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**32.9.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Segretarja spjegat l-aħħar zviluppi fuq il-madum tal-bankina.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

**32.9.2 Triq Daħlet Qorrot-** Is-Segretarja tat l-aħħar zviluppi dwar it-traffic management peress li kellha meeting mal-MGOZ. It-traffiku ser jinzel mill-Qala u jitla minn na]a tan-Nadur sa meta jsir it-tarmak.

**32.9.3 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Bħalissa l-Kuntrattur mhux jaħdem hemm. Is-Sindku tkellem mal-Kuntrattur u suppost jitkompla x-xogħol fil-gimgħat li ġejjin fuq it-tieni parti.

**32.9.4 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Dawn ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss peress li jekk jerġgħu jeħħlu ser jerġgħu jinħarqu bin-nar tal-festa. Il-kunsilliera tkellmu rigward posibilita li jgħaddu minn nofs tal-Ġnien u għalhekk ser terġgħa tiġi diskussa.

**32.9.5 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** L-Enineer għamel stima tas-sawl u issa l-Perit ser jgħaqqad u nibdew il-proċess ta' applikazzjoni u tendering.

**32.9.6 Green Wall ta' Xhajma**: Sar site visit fuq il-post u jidher li kollox kumplikat ħafna. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**32.9.7 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Daqt għandu jsir ix-xogħol.

**32.9.8 Muxa fi Triq San Gwann** – Is-Survey huwa lest u l-Perit ser jaħdem fuq proposta.

**32.9.9. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**32.9.10. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Dawn għadhom ma sarux.

**32.9.11. Dawl tal-monuemt tal-Gwerra-** Dan ser isir.

**32.9.12. Il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta-** Qed naħsbu għal dan.

**32.9.13. Belvedere Triq Duru** – Saret site visit u qed naħdu fuqu.

**32.9.14. Dog Park-** Il-kunsill għad irrid jitkellem mal-MGOZ.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

**32.9.15.** Dwal Brazzi Pjazzetta- Ser nipprovaw nibdlu l-parti ta' fuq peress li qdiemu ħafna. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel suggeriment biex id-dawl tal-Pjazza jmur fil-Pjazzetta u jinxtraw oħrajn ġodda għal Pjazza.Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**32.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**32.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

Talba għal bozza fi Triq Wied ir-Rihan ħdejn il-farm- Ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Ħadid mal-parking tal-bajja ta' San Blas  għax perikoluz. Kien hemm qbil u li jinbena l-ħajt ukoll qabel.

Titħalleb bankina fi Triq Karlu Zimech. Kien hemm qbil.

Titranga bankina fi Triq San Gwann. Din ser tiġi diskussa ezatt x'ser isir fuq talba ta' Kunsillier.

Ħajt tas-sejjieħ biex jitranga ta' Bordin- Kien hemm qbil.

Jitranga Dog Bin fi Triq Fatima- Kien hemm qbil.

Jinbidlu l-ħoloq tal-bandli Tal-Hali- Kien hemm qbil.

Nizbhu id-dawra tal-monument ta' Gnien Kunsill- Kien hemm qbil.

Ħitan tas-sejjieħ fi Triq Grunju biex jitrangaw. Kien hemm qbil.

Jitranga l-fence tal-grawnd PP Camilleri- Kien hemm qbil.

**32.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Jinqata' ħaxix fi Triq Inzul il-Franċizi- Kien hemm qbil.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u l-Kunsillier Jean Paul Portelli għamlu suggeriment da nil-ħin biex il-ħaxix li jkun fit-toroq taċ-ċentru jinqata' mill-kennies ta' dik it-triq partikulari b'għodda apposta biex dejjem tkun nadifa u jiġu iffrankati l-ispejjez. Din ser terġgħa tiġi diskussa.

**32.10.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

Talba biex jinbiddlu xi globi fil-Pjazza 28 t'April 1688.

Talba biex titranga r-rampa ta' Triq Kenuna peress li mhux aċċessibbli.

Talba biex nitkellmu ma sid ir-restaurant minħabba parking quddiem tiegħu li qed dejjem jerfa'

Talba għal yellow lines fi Triq ir-Ramla l-qadima c/w Triq Bingemma.

Suggeriment biex jinġabru d-dog bins fil-ġranet li tinġabar il-borza is-sewda. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga l-mera fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.

**32.10.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

Talba biex jinqata' l-bużbież fi Triq ir-Ramla l-Qadima. Kien hemm qbil.

Talba għal patching fi Triq San Blas (ħdejn il-Perit). Kien hemm qbil.

Re-paint ta' disabled parking fi Triq Grunju. Kien hemm qbil.

**32.10.5. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:**

Ma kienx hemm rikjesti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

# KUNSILL LOKALI NADUR

Is-Segretarja nnotat li kien hemm talba mingħand ċertu Frankie Camilleri fejn qed jitlob kumpens ta' 525 euro għal incident li kellu fit-30 ta' Gunju 2021 fi Triq DC Cocco Palmeri c/w Imgarr Rd fejn qed isiru x-Xogħolijiet tal-MGOZ. Kien hemm qbil li peress li x-xogħolijiet mhux qed isiru minn naħa tal-Kunsill u fejn waqa' milli jidħer kien hemm zrar u ħofor tal-ingenji li qed ikun hemm fuq il-post tal-Kuntrattur għandu jitkellem magħhom.

**32.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-6:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Awissu fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva